MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 641/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Howes April Margaret**
**ID 41724A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-9 ta' Settembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija sebgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€377.31) in konnessjoni ma' servizz ta' internett (AC40118803).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 556/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta' Marzu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Charmaine Wifen ghas-socjeta' attrici li fit-2 ta' Dicembru, 2014 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta' tlett mija sebgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€377.31) bl-imghax legali sa mit-8 ta' Marzu, 2013  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u d-drittijiet inluzi dawk tal-ittra ufficjali 556/13 jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------